



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-761/21

Fabien Courtois et

vs

Il-Kummissjoni Ewropea,

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tas-17 ta' Lulju 2024

“Aċċess għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti dwar xiri ta' vaċċini mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Rifjut parzjali ta' aċċess – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz – Obbligu ta' motivazzjoni – Eżistenza ta' riskju prevedibbli u mhux purament ipotetiku ta' preġudizzju għall-interess invokat – Prinċipju ta' proporzjonalità”

1. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Nuqqas ta' osservanza, mill-istituzzjoni kkonċernata, tat-termini stabbiliti sabiex tingħata risposta għal applikazzjoni konfermatorja għal aċċess – Deċiżjoni impliċita ta' ċaħda – Tħassir permezz tal-adozzjoni ta' deċiżjoni espliċita ta' ċaħda – Possibbiltà ta' appell mid-deċiżjoni impliċita – Assenza – Talba għall-annullament tal-istess deċiżjoni espliċita fiż-żewġ verżjonijiet lingwistiċi tagħha – Assenza ta' effett (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikoli 7 u 8)*

(ara l-punti 30, 31, u 32)

2. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Kamp ta' applikazzjoni – Talba għal aċċess għal kuntratti ffirmati ta' xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 – Dokumenti preparatorji – Esklużjoni (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001)*

(ara l-punti 40, 41, u 44)

3. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu – Applikabbiltà integrali tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2018/1725 – Obbligu tal-applikant li juri n-natura neċessarja tat-trasferiment tad-data personali inkwistjoni – Talba għal aċċess għad-dikjarazzjonijiet ta' nuqqas ta' kunflitt ta' interess tal-membri tat-tim konġunt għan-negozjar tal-kuntratti ta' xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 iġġustifikat mill-ħtieġa li tiġi vverifikata l-imparzjalità tagħhom – Obbligu tal-istituzzjoni kkonċernata li tibbilanċja l-interessi kkontestati permezz tal-iżvelar ta' din id-data*

(Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(1)(b), u 2018/1725, Artikoli 3(1), 5 u 9(1)(b))

(ara l-punti 56, 60, 61, 69, 73, 75 sa 79, 81, 82, u 84 sa 86)

4. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta’ aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Kunċett – Portata – Applikazzjoni għall-kuntratti ta’ xiri ta’ vaċċini kontra l-COVID-19 konklużi mill-Kummissjoni u minn kumpaniji farmaċewtiċi privati – Inklużjoni*
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punti 99, 100, 103, u 105 sa 107)

5. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta’ aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Rifjut ta’ aċċess – Obbligu ta’ motivazzjoni – Portata*
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punti 97, 101, 115 sa 117, 119, 121 sa 123, 127, 128, 146, 147, 151 sa 153, 163, 164, 168, 169, 171, 172, 178, 186, u 193)

6. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta’ aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Portata – Interess li jiġu evitati azzjonijiet għal kumpens – Esklużjoni*
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punt 162)

7. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta’ aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Portata – Rifjut ta’ żvelar ta’ dispożizzjonijiet dwar il-kumpens fil-kuntratti ta’ xiri ta’ vaċċini kontra l-COVID-19 – Inammissibbiltà*
(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punti 159 sa 173)

8. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta’ aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta’ aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Portata – Ħsara possibbli għar-reputazzjoni ta’ impriża – Inklużjoni*

(Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))

(ara l-punt 170)

9. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Kamp ta' applikazzjoni – Informazzjoni dwar il-lista tal-imsieħba tan-network tal-manifattura u tas-subappaltaturi – Inklużjoni (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2))*

(ara l-punti 179-183, u 185)

10. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokumenti – Invokazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza – Neċessità li jiġu invokati kunsiderazzjonijiet partikolari b'rabta mal-każ inkwistjoni (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2))*

(ara l-punti 195 sa 198, 201 sa 203, 211, u 212)

11. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Kamp ta' applikazzjoni – Dokumenti relatati mal-kuntratti ta' xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 – Interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokumenti – Assenza – Applikazzjoni tal-eċċezzjoni limitata fiż-żmien (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2) u (7))*

(ara l-punt 213)

Sunt

F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment ir-rikors għal annullament ippreżentat minn diversi persuni fiżiċi kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tat biss aċċess parzjali għall-kuntratti ta' xiri bil-quddiem u għall-kuntratti ta' xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19 kif ukoll għal dokumenti oħra relatati max-xiri tal-imsemmija vaċċini.¹

Fl-2021, żewġ avukati li jirrappreżentaw, fost oħrajn, lir-rikorrenti talbu l-aċċess² għal ċerti dokumenti li kienu jikkonċernaw ix-xiri, mill-Kummissjoni u f'isem l-Istati Membri, ta' vaċċini kontra l-COVID-19, fosthom, b'mod partikolari, il-kuntratti ffirmati mill-Kummissjoni, l-identità tar-rappreżentanti tal-Unjoni fil-kuntest tan-negozjati tal-kuntratti u d-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interessi ta' dawn tal-aħħar (iktar 'il quddiem it-“talba inizjali”).

¹ Deċiżjoni C (2022) 1359 finali tal-Kummissjoni Ewropea, tat-28 ta' Frar 2022 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

² Bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokument tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001, L 145, p. 43).

Il-Kummissjoni identifikat 46 dokument li kienu jikkorrispondu għall-applikazzjoni. Hija tat aċċess parzjali għal erba' kuntratti ta' xiri bil-quddiem u għal tliet kuntratti ta' xiri ta' vaċċini billi indikat li l-verżjonijiet redatti tal-imsemmija dokumenti kienu ġew ippubblikati fis-sit internet tal-Kummissjoni u li s-siltiet kienu ġew oskurati abbażi tal-eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu, mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali u mal-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjonijiet³. Hija tat aċċess parzjali għad-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interessi, li minnhom kopja waħda biss intbagħtet lir-rikorrenti, li fihom dawn id-dokumenti kienu differenti biss f'dak li jirrigwarda l-isem tal-firmatarju, il-firma u d-data tal-firma. Min-naħa l-oħra, hija rrifjutat l-aċċess għal 17-il dokument identifikat bħala "abbozz ta' memorandum ta' ftehim".

Wara talba konfermatorja intiża għall-iżvelar tad-dokumenti li l-aċċess għalihom kien ġie rrifjutat, jew parzjalment jew totalment, il-Kummissjoni indikat, f'deċiżjoni espliċita, ikkomunikata lir-rikorrenti l-ewwel bl-Ingliż, imbagħad bil-Franċiż, li, wara eżami ġdid tar-risposta mogħtija għat-talba inizjali, il-lista tad-dokumenti li kienet tikkorrispondi għat-talba għal aċċess għad-dokumenti kienet ġiet emendata u issa kienet tinkludi 66 dokument. Is-17-il "abbozz ta' Memorandum ta' Ftehim" kien tħassar, peress li l-Kummissjoni qieset li dawn kienu ġew inklużi bi żball. Hija tat aċċess usa' għall-erba' kuntratti ta' xiri bil-quddiem u tliet kuntratti ta' xiri li diġà kienu s-suġġett ta' aċċess parzjali u aċċess parzjali għal kuntratti ġodda ta' xiri bil-quddiem u kuntratti ta' xiri (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"kuntratti inkwistjoni"). Hija tat ukoll aċċess parzjali għal dokumenti ġodda oħra, fosthom korrisondenza bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. L-istituzzjoni invokat l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu u dik relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-impriżi kkonċernati sabiex tiġġustifika l-aċċess parzjali biss mogħti⁴.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali eżaminat it-talbiet tar-rikorrenti intiżi għall-annullament tal-verżjoni Franċiża tad-deċiżjoni espliċita. Hija ddeċidiet li kienet teżisti biss deċiżjoni espliċita waħda, jiġifieri d-deċiżjoni kkontestata, adottata f'żewġ verżjonijiet lingwistiċi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq in-natura inkompleta tal-lista tad-dokumenti identifikati li kienu jikkorrispondu għat-talba ta' aċċess għad-dokumenti sa fejn il-Kummissjoni rtirat is-17-il "abbozz ta' memorandum ta' Ftehim" mill-imsemmija lista. Hija kkonstatat li r-rikorrenti kienu talbu l-aċċess biss għall-"kuntratti ffirmati" mill-Kummissjoni. It-talba tagħhom ma setgħetx tinftiehem bħala li kienet tirreferi wkoll għad-dokumenti preparatorji għall-iffirmar tal-imsemmija kuntratti, li kienu jirreferu għal sempliċi noti jew għal dokumenti provviżorji intiżi għat-tfassil ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali li kellhom jiġu miftiehma sussegwentement. B'hekk, il-Kummissjoni setgħet, ġustament, tirtirahom mill-lista.

Fit-tieni lok, hija u tagħti deċiżjoni dwar l-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq l-inapplikabbiltà tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u tal-integrità tal-individwu fid-dikjarazzjonijiet ta' assenza ta' kunflitt ta' interessi, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Kummissjoni rrifjutat li tagħti aċċess iktar wiesa' għall-imsemmija dikjarazzjonijiet iffirmiti mill-membri tat-tim konġunt tan-negożjati għax-xiri ta' vaċċini.

³ L-eċċezzjonijiet previsti, rispettivament, fl-Artikolu 4(1)(b) u fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) kif ukoll fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

⁴ L-eċċezzjonijiet previsti, rispettivament, fl-Artikolu 4(1)(b) u fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Minn naħa, hija qieset li r-rikorrenti kienu indikaw b'mod suffiċjenti l-għan speċifiku ta' interess pubbliku li huma kienu qed ifittxu kif ukoll in-neċessità ta' trażmissjoni tad-data personali kkonċernata. Fil-fatt, kien biss billi jkollhom il-kunjomijiet, l-ismijiet u r-rwol professjonali jew istituzzjonali tal-membri tat-tim konġunt tan-negożjati li r-rikorrenti setgħu jivverifikaw li l-imsemmija membri ma kinux f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi. Min-naħa l-oħra, hija rrilevat li l-Kummissjoni, ġustament, kienet qieset li kien jeżisti riskju ta' preġudizzju għall-ħajja privata tal-persuni kkonċernati. B'hekk, kienet il-Kummissjoni li kellha tibbilanċja l-interessi inkwistjoni. Issa, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti d-diversi ċirkustanzi sabiex tibbilanċja b'mod korrett l-interessi inkwistjoni.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali laqgħet parzjalment it-tieni parti tat-tieni motiv li kkritikat il-mod kif il-Kummissjoni kienet applikat l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali sabiex tneħħi ċerta informazzjoni mill-kuntratti inkwistjoni.

Hija ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li din l-eċċezzjoni ma setgħetx tiġi applikata minħabba l-kuntest li fih il-kuntratti inkwistjoni kienu ġew konklużi. Hija rrilevat li l-impriżi farmaċewtiċi li magħhom kienu ġew konklużi l-imsemmija kuntratti kienu kollha kumpanniji privati li kienu jeżerċitaw attivitajiet kummerċjali li fil-kuntest tagħhom kienu suġġetti għall-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern u fis-swieq internazzjonali. Dan il-kuntest kien iwassalhom jippreżervaw l-interessi tagħhom fl-imsemmija swieq. Is-sempliċi fatt li huma pparteċipaw, permezz ta' ħlasijiet akkont jew ħlasijiet bil-quddiem minn fondi pubbliċi, fit-twettiq ta' kompiti ta' interess pubbliku, jiġifieri l-iżvilupp ta' vaċċini kontra l-COVID-19, ma kienx ta' natura, bħala tali, li jitqies li l-interessi kummerċjali tagħhom ma jistgħux jiġu protetti.

Fir-rigward tar-rifjut parzjali ta' aċċess għall-istipulazzjonijiet relatati mal-proprjetajiet tal-vaċċini u mal-kontroll tal-kwalità, u mar-responsabbiltà kuntrattwali, kif ukoll ir-rifjut ta' aċċess għal-lista tal-imsieħba tan-network ta' manifattura u tas-subappaltaturi tal-impriżi kkonċernati, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-ispejgazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata dwar l-eżistenza ta' riskju raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku ta' preġudizzju għall-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-impriżi kkonċernati fir-rigward tal-iżvelar integrali ta' din l-informazzjoni kienu fondati.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ma kkonfermatx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tar-rifjut li jingħata aċċess iktar wiesa' għall-istipulazzjonijiet relatati mal-kumpens. F'dan il-kuntest, hija osservat, minn naħa, li l-mekkaniżmu ta' kumpens lill-impriżi kkonċernati mill-Istati Membri previst mill-kuntratti inkwistjoni bl-ebda mod ma kien jaffettwa s-sistema ta' responsabbiltà ġuridika tal-imsemmija impriżi abbażi tad-Direttiva 85/374⁵. Fil-fatt, skont din id-direttiva, il-produttur huwa responsabbli għad-dannu kkawżat minn difett fil-prodott tiegħu u r-responsabbiltà tiegħu ma tistax tiġi limitata jew eskluża fir-rigward tal-vittma permezz ta' klawżola limitattiva jew eżoneratorja mir-responsabbiltà. Min-naħa l-oħra, hija osservat li l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmu ta' kumpens kienet diġà taqa' taħt id-dominju pubbliku fil-mument tat-tressiq tat-talba inizjali u tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata⁶.

⁵ Skont l-Artikoli 1 u 12 tad-Direttiva 85/374/KEE tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1985, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU 1985, L 210, p. 29)

⁶ Ara, b'mod partikolari, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 6 tal-Ftehim tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID 19 konkluż bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2020, intitolat "Strateġija tal-Unjoni Ewropea dwar il-vaċċini kontra l-COVID-19" [COM (2020) 245 final finali].

Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għalkemm il-kuntratti inkwistjoni kollha kienu jinkludu dispożizzjoni relatata mal-kumpens, il-kontenut iddettaljat tal-imsemmija dispożizzjonijiet ma kienx identiku.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-tliet motivi invokati mill-Kummissjoni sabiex tirrifjuta aċċess iktar wiesa' għall-imsemmija stipulazzjonijiet ma kinux juru l-eżistenza ta' riskju prevedibbli u mhux purament ipotetiku għall-interessi kummerċjali tal-impriżi kkonċernati.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-motiv li kien jgħid li għarfien preċiż tal-limiti tar-responsabbiltà tal-impriża kkonċernata seta' jesponiha għal diversi azzjonijiet għal kumpens, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-dritt ta' terzi eventwalment leżi minn vaċċin difettuż li jippreżentaw rikorsi għad-danni kien ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet ittrasponiet id-Direttiva 85/374. Dan kien għalhekk indipendenti mill-eżistenza u mill-kontenut tad-dispożizzjonijiet relatati mal-kumpens. Barra minn hekk, l-interess tal-impriżi kkonċernati li jevitaw tali azzjonijiet għal kumpens u spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri ma setax jiġi kklassifikat bħala interess kummerċjali u ma kienx jikkostitwixxi interess li jistħoqqlu protezzjoni skont ir-Regolament Nru 1049/2001. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma kienet tinkludi ebda element li jippermetti li jiġi konkluż li l-iżvelar iktar wiesa' tal-imsemmija stipulazzjonijiet seta' jkun l-orijini ta' tali rikorsi.

It-tieni nett, fir-rigward tal-motiv li l-iżvelar integrali kien jiżvela inevitabbilmment lill-kompetituri tal-impriża kkonċernata l-“punti dgħajfa” tal-kopertura tar-responsabbiltà tagħha, billi jagħtihom vantaġġ kompetittiv li huma setgħu jużaw, pereżempju, fir-reklami, il-Qorti Ġenerali fakkret li r-raġuni li għaliha dawn l-istipulazzjonijiet kienu ġew integrati fil-kuntratti inkwistjoni, jiġifieri li jiġu kkompensati r-riskji marbuta mat-tqassir tat-terminu għall-iżvilupp tal-vaċċini, kienet taqa' taħt id-dominju pubbliku qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, l-impriżi kollha kkonċernati bbenefikaw minn stipulazzjoni dwar il-kumpens.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, għall-istess raġunijiet, il-motiv li l-iżvelar sħiħ kien ikollu riperkussjonijiet fuq ir-reputazzjoni tal-impriżi kkonċernati.

Fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv tar-rikorrenti li permezz tiegħu kkritikaw lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-interess pubbliku superjuri li kien jiġġustifika l-iżvelar tal-informazzjoni mitluba. Hija enfasizzat li kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-trasparenza u l-governanza tajba ma setgħux jistabbilixxu li l-interess marbut mat-trasparenza kien ta' importanza tali li setgħet tipprevali fuq ir-raġunijiet li kienu jiġġustifikaw ir-rifjut ta' żvelar tal-partijiet oskurati tal-kuntratti inkwistjoni. Hija fakkret ukoll li l-kuntratti inkwistjoni kienu jaqgħu fil-kuntest ta' attività amministrattiva, u mhux leġiżlattiva.